

Brussell, 18 ta' Settembru 2018
(OR. en)

7979/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0095 (NLE)

WTO 83
SERVICES 32
FDI 19
COASI 100

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) ...

ta'

dwar il-konklużjoni

tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,

u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a)(v) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/..., il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim")¹⁺ ġie ffirmat fi ...⁺⁺.
- (2) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 4.11 (Ebda Effett Dirett) tal-Ftehim, il-Ftehim ma jikkonferixxix drittijiet jew ma jimponix obbligi fuq persuni, minbarra dawk maħluqin bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) ... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra (ĠU L ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok ikkompletar-referenza tad-dokument ST 7977/18, id-data tal-iffirmar tad-dokument ST 7980/18 u kkompleta n'nota ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 7980/18 INIT.

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 4.15(2) tal-Ftehim, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.¹

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.